MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Numru 713/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Denise Mula**

v

**WALID KHAMIS BEN AHMED**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **WALID KHAMIS BEN AHMED** ta' tmienja u ghoxrin sena ta' nazzjonalita` Libjana, iben Khamis u Najat imwieled Tripoli, Libya fit-tlettax ta' Jannar, 1975 u detentur ta' passaport Libjan numru 67158 gie imressaq quddiemha w akkuzat talli f'dawn l-ahhar jiem qabel it-tlieta u ghoxrin t'Awisu, 2003 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifika foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' madwar $ 1, 300 bi hsara ta' Bilal El Ali.

U aktar talli matul l-istess zmien bi hsara ta' Bilal El Ali ghamel qligh iehor b'qerq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha u ghoxrin ta' Awissu, 2003 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument SM 5 sabiex din il-kawza fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parte tal-imputat tinstema bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami li sar mill-Qorti lill-imputat ai termi tal-artikolu 370 (4), 390 (1) u 329 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Awissu, 2003.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lix-xhud ewlieni taghha jixhed nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Awissu, 2003, **Bilal El Ali**. Dan stqarr illi huwa kien gie Malta mill-Lebanon bejn wiehed u iehor fl-erbgha ta' Awissu, 2003. Waqt li kien hawn xtaq imur il-Germanja jew l-Italja u ghalhekk beda ifittex xi hadd biex jghinu. Iltaqa ma Ali Samah Taki u staqsieh biex ighinu u in effetti tah is-somma ta' elfejn u mitejn dollaru u l-passaport tieghu sabiex izommhomlu u isiblu xi hadd biex isiefru. Wara gew il-Pulizija u sabuh fit-triq. Huwa jispjega li kien hu li beda ifittex terza persuna sabiex ighinuh isiefer waqt li huwa kien qed jirrisjedi fil-Vicking Hotel.

Huwa spjega li jum wiehed fost l-ohrajn kienet il-gurnata tat-Tlieta. Huwa kien ma martu fil-kumpanija ta' Walid u fil-fatt raqdu ghandu. Huwa tkellem ma Walid fuq ix-xewqa tieghu li jmur l-Italja pero' dan Walid lill-imputat qallu li ma kien jaf lil hadd li seta jghinu.

**Liala Ramadan** xehdet fl-istess jum u ikkonfermat dak li qal Bilal El Ali dwar l-ammont ta’ flus li ha Ali sabiex isibilha xi hadd biex isifirhom. B’referenza ghal Walid l-imputat odjern, fix-xhieda tghid li darba minnhom waqt li kienet hdejn il-bahar ma zewgha ghall-habta tal-erbgha ta’ filghodu jistennew xi hadd biex johodhom l-Italja, huwa gie u hadhom id-dar tieghu. Kienet l-ewwel u l-unika darba li iltaqghet mieghu. Dan Bilal El Ali jikkonferma, pero’ izid ighid li ma jafx x’ghamel bihom Ali l-flus li tah.

Fit-tnax ta’ Settembru, 2003 xehed **l-Ispettur Edward Mangion** izda m’ghamel l-ebda referenza ghall-imputat odjern salv li kien xi *informer* tieghu.

**L-Ispettur Denise Mula** xehdet u spjegat li hi interrogat lil Bilal El Ali u martu Laila Ramadan li qalulha li l-passaport taghhom kien ghand wiehed kok Lebaniz u li jahdem hdejn ix-Xatt ta’ San Giljan, u cioe` li wara jirrizulta li kien Ali Taki li jahdem fir-restaruant “Allegro Andante”. Hija ghamlet search fil-locker ta’ dan Taki u sabet tlett passaporti ta’ tlett persuni Lebanizi, u f’search iehor li sar fir-residenza tieghu Bugibba instabu il-passaporti ta’ Bilal El Ali, Ramadan Khaled Laila u binha minuri Mohammed oltre passaporti ta’ persuni Lebanizi ohra. Hija qalet hafna affarijiet ohra li allegatament qalulha ohra Ali Taki u Ahmed Moussa li pero ma gewx konfermati l-Qorti minnhom.

L-Ispettur esebit l-isqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-tlieta u ghoxrin ta’ Awissu, 2003 mmarkata dokument SM 4 u minn esami tal-istess ma jirrisultax illi l-imputat ha xi flus biex iharrab xi nies jew ghal xi skop iehor. Huwa cahad din l-allegazzjoni minnufih. Anzi jirrisulta li kien hu li informa l-Pulizija dwar dak li kien qed jippjanaw ighatu Ali Taki u Ahmed Moussa.

**Illi minn apprezzament tal-provi prodotti kif spjegat aktar ‘l fuq, il-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova l-akkuza fil-konfront tal-imputat sal grad rikjest mill-ligi u ghalhekk wara li rat l-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------